**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument**

# ►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1248/2012

## tad-19 ta' Diċembru 2012

## li jistipula l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward il-format tal-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' repożitorji tat-tranżazzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(ĠU L 352, 21.12.2012, p. 30)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1859 tal-10 ta' Ġunju 2022 | L 262 | 65 | 7.10.2022 |

▼B

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1248/2012

**tad-19 ta' Diċembru 2012**

**li jistipula l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward il-format tal-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' repożitorji tat-tranżazzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

▼M1

*Artikolu 1*

**Format tal-applikazzjoni**

1. L-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni bħala repożitorju tat-tranżazzjonijiet u applikazzjonijiet għall-estensjoni tar-reġistrazzjoni bħala repożitorju tat-tranżazzjonijiet għandhom jitressqu fil-format stabbilit fl-Anness.

2. Ir-repożitorju tat-tranżazzjonijiet għandu jagħti numru ta' referenza uniku għal kull dokument li jressaq u għandu jidentifika b'mod ċar ir-rekwiżit speċifiku stipulat fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 150/2013 ([1]) li għalih jirreferi d-dokument.

3. Fil-każijiet li fihom ir-repożitorju tat-tranżazzjonijiet ma jressaqx informazzjoni li tirrigwarda rekwiżit speċifiku stipulat fir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 150/2013, l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni bħala repożitorju tat-tranżazzjonijiet jew l-applikazzjoni għall-estensjoni tar-reġistrazzjoni bħala repożitorju tat-tranżazzjonijiet, kif applikabbli, għandha tindika b'mod ċar ir-raġunijiet għaliex tali informazzjoni ma tressqitx.

4. L-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni bħala repożitorju tat-tranżazzjonijiet u l-applikazzjonijiet għall-estensjoni tar-reġistrazzjoni bħala repożitorju tat-tranżazzjonijiet għandhom jitressqu permezz ta' mezz li jservi fit-tul kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1), il-punt (m), tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

▼B

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

([1]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 150/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet rigward standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni bħala repożitorju tat-tranżazzjonijiet (ĠU L 52, 23.2.2013, p. 25).

([2]) Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

▼B

*ANNESS*

▼M1

**FORMATI GĦALL-APPLIKAZZJONIJIET GĦAR-REĠISTRAZZJONI BĦALA REPOŻITORJU TAT-TRANŻAZZJONIJIET U GĦALL-APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-ESTENSJONI TAR-REĠISTRAZZJONI BĦALA REPOŻITORJU TAT-TRANŻAZZJONIJIET**

▼B

INFORMAZZJONI ĠENERALI

| | |
|---|---|
| Data tal-applikazzjoni | |
| Isem korporattiv tar-repożitorju tat-tranżazzjonijiet | |
| Indirizz ġuridiku | |
| Klassijiet ta' derivattivi li għalihom qiegħed japplika biex ikun irreġistrat ir-repożitorju | |
| Isem il-persuna li tassumi r-responsabbiltà tal-applikazzjoni | |
| Dettalji ta' kuntatt tal-persuna li tassumi r-responsabbiltà tal-applikazzjoni | |
| Isem persuna oħra responsabbli għall-konformità tar-repożitorju tat-tranżazzjonijiet | |
| Dettalji ta' kuntatt tal-persuna/i responsabbli għall-konformità tar-repożitorju tat-tranżazzjonijiet | |
| Identifikazzjoni ta' kwalunkwe kumpanija prinċipali | |

▼M1

REFERENZI TAD-DOKUMENTI

▼B

(Artikolu 1(3))

| ►M1 Artikolu tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 150/2013 ◄ | Numru ta' referenza uniku tad-dokument | Titolu tad-dokument | Kapitolu jew taqsima jew paġna tad-dokument fejn hija pprovduta l-informazzjoni jew raġuni għalfejn l-informazzjoni mhix ipprovduta |
|---|---|---|---|
| | | | |
| | | | |
| | | | |